MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 512/2009

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**vs**
**John M Mugliette ( 413270M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' elfejn, mitejn u wiehed u ghoxrin ewro u tmienja u tlettin ewro centezmu (€2221.38) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond *Client Contract Number* 1002001 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu, 2009, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att, dawk tal-ittra ufficjali lill- banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-datat tal-

pagament effettuv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-5 ta’ Ottubru, 2009 mill-prokuratur legali Peter Paul Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas  li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------